MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1029/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**PAUL SCICLUNA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Scicluna, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 448079M.

**Akkuzat talli:**

Fil-15 t'ottubru 2013 f'Hal Farrug limiti tas-Siggiewi gal habta tas-sitta nieqes kwart ta` filghaxija (17:45hrs)

ikkommetta serq ta` kaxxi tal-madum liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2,329.00) u li sar ghad-deteriment tal-kumpanija **Polidano Brothers**;

Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, f’Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibeghhom jew imexxiehom;

Akkuzat ukoll talli fil-perjodu ta` sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. G. Vella, LL.D., fit-12 ta` Novembru 2012, ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

F’kaz ta` htija il-Qorti giet gentilment mitluba tordna il-konfiska tal-van li ntuza sabiex isir ir-reat, Maruti bin-numru tar-registrazzjoni JBA 114 a favur il-Gvern ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u rat il-provi prodotta;

Rat l-Artikoli tal-Kapitolu 261, 261 (c) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lil imputat hati kif akkuzat. Il-Qorti qeghda tiddikjara illi assorbiet it-tieni imputazzjoni go l-ewwel wahda stante li l-ewwel wahda hija superjuri u ta` iktar importanza mit-tieni. Qeghda wkoll issibu hati dwar il-ksur tal-perjodu ta sentenza sospiza u dana wara li hija rat u ezaminat il-fedina penali tal-imputat.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara semghet it-trattazzjonijiet tal-kawza u wara li hadet il-konsegwenti in konsiderazzjoni u cioe':
1. il-kooperazzjoni shiha tal-imputat mal-awtoritajiet investigattivi;
2. il-fatt illi l-ebda serq ma gie kommess fis-sens illi r-rifurtiva ma ttihdietx minn fuq il-post,

temmen illi piena karcerarja effettiva m'ghandiex tigi applikata izda l-imputat ghandu jifhem illi hu ghandu jbiddel hajtu darba ghal dejjem u ghalhekk dina l-Qorti qeghda testendi l-perjodu tas-sentenza sospiza ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija sospiza ghal tliet (3) snin u dana a tenur tal-artikolu 28 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rigward it-talba ghal konfiska tal-vann dina l-Qorti hija tal-fehma illi gja la darba dan il-vann mhux teknikament registrat fuq isem l-imputat din legalment m'hijiex il-propjeta tieghu u ghalhekk ma tistax tigi kkonfiskata.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------